

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **DEĊIŻJONI (UE) 2019/1743 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**
tal-15 ta' Ottubru 2019

dwar ir-remunerazzjoni ta' holdings ta' eċċess ta' riżervi u ta' ċerti depożiti (riformulazzjoni)
(BĊE/2019/31)

(ĠU L 267, 21.10.2019, p. 12)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|--------------------|---|------------------|-------|-----------|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ► <u>M1</u> | Deċiżjoni (UE) 2020/1264 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta' Settembru 2020 | L 297 | 5 | 11.9.2020 |
| ► <u>M2</u> | Deċiżjoni (UE) 2021/874 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Mejju 2021 | L 191 | 43 | 31.5.2021 |
| ► <u>M3</u> | Deċiżjoni (UE) 2022/310 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Frar 2022 | L 46 | 140 | 25.2.2022 |
| ► <u>M4</u> | Deċiżjoni (UE) 2023/55 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2022 | L 3 | 16 | 5.1.2023 |
| ► <u>M5</u> | Deċiżjoni (UE) 2023/817 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' April 2023 | L 102 | 56 | 17.4.2023 |
| ► <u>M6</u> | Deċiżjoni (UE) 2024/2016 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Lulju 2024 | L 2016 | 1 | 26.7.2024 |
| ► <u>M7</u> | Deċiżjoni (UE) 2025/1512 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Lulju 2025 | L 1512 | 1 | 24.7.2025 |



DEĊIŻJONI (UE) 2019/1743 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-15 ta' Ottubru 2019

dwar ir-remunerazzjoni ta' holdings ta' eċċess ta' riżervi u ta' ċerti depożiti (riformulazzjoni) (BĊE/2019/31)

Artikolu 1

Remunerazzjoni ta' holdings ta' eċċess ta' riżervi

1. Holdings ta' riżervi ta' istituzzjonijiet soġġetti għall-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2003/9)⁽¹⁾ li jaqbeż ir-riżervi meħtieġa skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98⁽²⁾ u r-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9) (minn hawn' il quddiem "riżervi eċċessivi") għandhom jiġu remunerati b'zero fil-mija jew bir-rata ta' faċilità ta' depożitu, skont liema tkun l-inqas.

2. Parti mir-riżervi eċċessivi miżmuma minn istituzzjoni fuq il-kontijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni kif iddefiniti fl-Artikoli 1 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9) sa multiplu tar-riżervi meħtieġa tal-istituzzjoni (minn hawn' il quddiem il-"kwota") għandha tkun eżentata mir-regola ta' remunerazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1. Il-multiplikatur "m" użat biex jikkalkula l-gratifika u r-rata tal-imgħax applikabbli għall-holdings eżentati ta' riżervi żejda għandu jkun speċifikat mill-Kunsill Governattiv u sussegwentement ippubblikat fuq il-websajt tal-BĊE. Kwalunkwe aġġustament għall-multiplikatur "m" u/jew għar-rata tal-imgħax applikabbli għall-holdings eżentati ta' riżervi żejda għandu japplika mill-perjodu ta' manutenzjoni wara li titħabbar id-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Il-holdings eżentati ta' riżervi eċċessivi għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-bilanċi medji ta' tmiem il-jum tal-kalendarju fuq perijodu ta' żamma fil-kontijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni, kif iddefinit fl-Artikoli 1 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (ECB/2003/9). Holdings f'faċilità ta' depożitu tal-Eurosistema m'għandhomx jitqiesu bħala riżervi eċċessivi.

3. L-imgħax dovut jew miksub fuq investimenti eżenti u mhux eżentati ta' riżervi eċċessivi għandu jtnaqqas bl-iddebitar tal-kontijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni rilevanti, jew skont il-każ, imħallsa, fit-tieni jum ta' negozju tal-BĊN wara t-tmiem tal-perijodu ta' żamma li fuqu l-imgħax kien ikkalkulat.

4. Fil-każ ta' istituzzjonijiet li għandhom riżervi meħtieġa permezz ta' intermedjarju skont l-Artikolu 10 jew 11 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), l-allowance għandha tiġi kkalkulata kif stabbilit f'dan il-paragrafu. Il-multiplikatur "m" użat għall-kalkolu tal-allowance għandu jiġi applikat fuq ir-riżervi aggregati meħtieġa li għandhom jinżammu mill-istituzzjoni intermedjarja rilevanti f'isimha u f'isem l-istituzzjonijiet kollha li għalihom iżżomm riżervi meħtieġa skont l-Artikolu 10 jew 11 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9). Ir-rata tal-imgħax applikabbli għal parteċipazzjonijiet eżentati ta' riżervi eċċessivi kif iddefinit fl-Artikoli 1 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9) tal-intermedjarju rilevanti.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi (BĊE/2003/9), (ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni ta' riservi minimi tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3 p. 16-18).

▼ **M6**

5. Fl-eventwalità ta' interruzzjoni fit-tul tat-TARGET matul diversi jiem ta' negozju, kif imsemmi fl-Artikolu 187a tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ⁽¹⁾, il-paragrafi 1 sa 4 għandhom japplikaw. Madanakollu, meta istituzzjonijiet li huma kontropartijiet eliġibbli f'operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema b'aċċess għall-faċilità ta' depożitu tal-Eurosistema f'konformità tal-Linja Gwida huma soġġetti għal tali interruzzjoni tat-TARGET, holdings ta' eċċess ta' riżervi li jeċċedu kwalunkwe allowance applikabbli f'konformità mal-paragrafu 2 għandhom jiġu remunerati awtomatikament għall-perjodu tal-interruzzjoni tat-TARGET firrata tal-faċilità tad-depożitu meta r-rata tal-faċilità tad-depożitu hija ogħla minn zero. Jekk l-aċċess ta' kontroparti eliġibbli għall-faċilità ta' depożitu huwa soġġett għal limitu, ir-remunerazzjoni msemmija fis-sentenza preċedenti għandha tapplika biss għal ammont ta' eċċess ta' riżervi ta' dik il-kontroparti li ma teċċedix il-limitu.

*Artikolu 2***Remunerazzjoni ta' ċerti depożiti miżmuma mal-BĊE**

1. Il-BĊE għandu japplika r-rati ta' remunerazzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni (UE) 2024/1209 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/11) ⁽²⁾ għal ċerti depożiti miżmuma mal-BĊE kif ġej:

- (a) għal kontijiet miżmuma skont id-Deċiżjoni BĊE/2003/14 tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽³⁾, id-Deċiżjoni BĊE/2010/4 tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽⁴⁾, id-Deċiżjoni BĊE/2010/17 tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽⁵⁾, id-Deċiżjoni BĊE/2010/31 tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽⁶⁾, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 ⁽⁷⁾, ir-rata ta' remunerazzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 2(4), il-punt (a)(i), tad-Deċiżjoni (UE) 2024/1209 (BĊE/2024/11);

⁽¹⁾ Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika monetarja tal-Eurosistema (Linja Gwida dwar id-Dokumentazzjoni Ġenerali) (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2024/1209 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2024 dwar ir-remunerazzjoni ta' depożiti tal-politika mhux monetarja miżmuma mal-banek ċentrali nazzjonali u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/11) (ĠU L, 2024/1209, 3.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1209/oj>).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni BĊE/2003/14 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Novembru 2003 dwar l-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' self li l-Komunità Ewropea kkonkludiet skont il-faċilità ta' assistenza finanzjarja ta' tul medju (ĠU L 297, 15.11.2003, p. 35).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni BĊE/2010/4 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-10 ta' Mejju 2010 dwar il-ġestjoni ta' self bilaterali kollettiv għall-benefiċċju tar-Repubblika Ellenika u li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2007/7, (ĠU L 119, 13.5.2010, p. 24.)

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni BĊE/2010/17 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Ottubru 2010 dwar l-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' self lil u mill-Unjoni taħt il-mekkaniżmu Ewropew għall-istabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 275, 20.10.2010, p. 10).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni BĊE/2010/31 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-20 ta' Diċembru 2010 li tikkonċerna l-ftuħ ta' kontijiet għall-ipproċessar ta' ħlasijiet b'rabta ma' self mill-EFSF lil Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (ĠU L 10, 14.1.2011, p. 7).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1).

▼ **M6**

- (b) għal kontijiet ta' depożitu oħrajn għall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u għall-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja mhux koperti taħt il-punt (a), ir-rata ta' remunerazzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 2(4), il-punt (b), tad-Deċiżjoni (UE) 2024/1209 (BĊE/2024/11).

Madankollu, matul kwalunkwe perjodu meta d-depożiti msemmija taħt il-punt (a) jeħtieġ li jinżammu fil-kontijiet rilevanti qabel id-data li fiha jrid isir pagament f'konformità mar-regoli legali jew kuntrattwali applikabbli għall-faċilità rilevanti, il-BĊE għandu japplika r-rata ta' remunerazzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 2(4), il-punt (a)(ii), tad-Deċiżjoni (UE) 2024/1209 (BĊE/2024/11).

2. Il-BĊE għandu japplika r-rata ta' remunerazzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 2(4), il-punt (c)(i), tad-Deċiżjoni (UE) 2024/1209 (BĊE/2024/11) għall-kont iddedikat miżmum għand il-BĊE skont l-Artikolu 13(2) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 u għall-operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati ma' self mogħti skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u użat għall-finijiet ta' parteċipazzjonijiet prudenzjali ta' flus kontanti fir-rigward ta':

- (a) il-programm NextGenerationEU;
- (b) l-istrument li jipprovdi appoġġ lill-Ukraina għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) ⁽²⁾;
- (c) kwalunkwe programm ta' finanzjament ieħor tal-Unjoni Ewropea kif miftiehem mill-BĊE u l-Kummissjoni.

Madankollu, għal ammont aggregat ta' depożiti miżmuma f'dak il-kont iddedikat li ma jeċċedix EUR 20 biljun, il-BĊE għandu japplika r-rata ta' remunerazzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 2(4), il-punt (c)(ii), tad-Deċiżjoni BĊE/2024/1209 (BĊE/2024/11).

▼ **M7**

3. Il-BĊE għandu japplika r-rata ta' remunerazzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 2(4), il-punt (d), tad-Deċiżjoni (UE) 2024/1209 (BĊE/2024/11) għall-kont iddedikat miżmum mal-BĊE għall-finijiet li jirċievi, iżomm u jagħmel trasferimenti ta' ammonti li huma allokatu lill-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukraina — stabbilit bir-Regolament (UE) 2024/2773 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ — skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament, għall-fini tal-Artikolu 5(1), il-punt (a) tiegħu, u soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(4) tiegħu.

⁽¹⁾ C(2021)2502 finali.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi l-istrument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukraina għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja+) (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2024/2773 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2024 li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukraina u li jipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukraina (ĠU L, 2024/2773, 28.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli-reg/2024/2773/oj>).

▼B

Artikolu 3

Revoka

1. Id-Deċiżjoni BĊE/2014/23 qiegħda tiġi mħassra.
2. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness II.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika mis-seba' perjodu ta' żamma ta' riżerva tal-2019 li jibda fit-30 ta' Ottubru 2019.

▼B*ANNEX I***Deċiżjoni revokata u l-emenda għaliha**

| | |
|--|-----------------------------|
| Deċiżjoni BĊE/2014/23 | ĠU L 168, 7.6.2014, p. 115. |
| Deċiżjoni (UE) 2015/509 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/9) | ĠU L 91, 2.4.2015, p. 1. |

*NNESS II***Tabella ta' korrelazzjoni**

| Deċiżjoni BĊE/2014/23 | Din id-Deċiżjoni |
|-----------------------|------------------|
| Artikolu 1 | — |
| Artikolu 2 | Artikolu 1 |
| Artikolu 3 | — |
| Artikolu 4 | — |
| Artikolu 5 | Artikolu 2 |
| — | Artikolu 3 |
| Artikolu 6 | Artikolu 4 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |